# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa a u Għoxrin (24) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 666/2018FDP**

Fl-ismijiet

**Conbes Holdings Limited (C-36350)**

**vs**

**Unique Group Limited (C-74674)**

**Unique Construction Limited (C-74909)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 22 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti **Conbes Holdings Limited** talbet is-segwenti:

    1. *Illi fis-26 ta' Lulju 2017 sar ftehim bejn is-soċjeta' Unique Group Limited u Conbes Holdings Limited.*

    2. *Illi fl-imsemmi ftehim, ġie ben stabbilit illi jekk is-soċjeta' Unique Group Limited u/jew xi kumpanija tal-istess grupp u/jew kumpanija sussidjarja tal-istess jidħlu f'kuntratt ma' Sadeen Education Investment Limited (C-65576) jew kwalunkwe kumpanija assoċjata ma' Sadeen Group Company, Unique Group Limited u/jew xi kumpanija tal-istess grupp u/jew kumpanija sussidjarja tal-istess kellha tħallas is-somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tal-gross revenue lil Conbes Holdings Limited*

    3. *Illi l-ftehim jgħid illi dan il-pagament flimkien mal-VAT applikabbli għandu jsir lil Conbes Holdings Limited fi żmien ħmistax (15) -il jum minn*

*meta s-soċjeta Unique Group Limited u/jew xi kumpanija tal-istess grupp u/jew kumpanija sussidjarja tal-istess tirċievi l-fondi mingħand Sadeen Group Company u/jew kumpanija assoċjata mal-istess (kopja ta' dan il-ftehim qed jiġi anness ma' dan ir-rikors promutur u mmarkata bħala Dok A).*

4. *Illi effettivament is-soċjeta' Sadeen Group Company bl-intervent tas-soċjeta' rikorrenti kkonkludiet kuntratt ta' xogħolijiet mas-soċjetajiet intimati.*

5. *Illi għalhekk abbażi tal-ftehim milħuq bejn is-soċjetajiet intimati u s-soċjeta' rikorrenti bdew jitħallsu l-kummissjonijiet dovuti lis-soċjeta rikorrenti u preċiżament l-ammont ta' €23,600 fit-18 ta' Awwissu 2017 u l-ammont ta' €11,800 fis-26 ta' Settembru 2017 (hekk kif jidher fl-anness u mmarkat bħala Dok B)*

6. *Illi pero dan il-ftehim ma baqax jiġi onorat mis-soċjetajiet intimati u għalhekk intbagħtet ittra uffiċjali lill-istess, għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti.*

7. *Illi s-soċjetajiet intimati baqgħu inadempjenti u huwa għalhekk li qed tinfetaħ din il-kawża.*

*Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetijiet intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti f'dik is-somma li għandha tiġi minn din l-Onorabbli Qorti likwidata, rappreżentanti d-debitu dovut lis-soċjeta' rikorrenti u d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'konsegwenza tad-dewmien taż-żmien li s-soċjetajiet rikorrenti baqgħu inadempjenti.*

2. *Tillikwida d-debitu dovut u d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti b'konsegwenza tad-dewmien taż-żmien, jekk ikun meħtieġ bil-għajnuna ta' espert; u*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta intimata tħallas id-debitu u d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċċjali tal-5 ta' Marzu 2018 kontra s-soċjetajiet intimati minn issa nġunti għas-subizzioni u l-imgħax mid-data ta' meta kienu dovuti dawn il-ħlasijiet skont il-liġi.*

2. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2018, is-soċjeta' **Unique Construction Limited** laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Preliminarjament, is-soċjeta' rikorrenti attriċi għandha tipprova r-relazzjoni ġuridika tagħha mas-soċjeta' intimata esponenti Unique Construction Limited.*

2. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' intimata esponenti ma għandha tagħti xejn lis-soċjeta' rikorrenti attriċi.*

3. *Salv eċċezzjoniijet oħra.*

3. Rat illi fit-8 ta' Novembru 2018, is-soċjeta' intimata **Unique Group Limited** laqgħet għat-talba rikorrenti billi ressqet is-segwenti difiżi:

1. *Preliminarjament qiegħda tiġi eċċepita l-intempestivita tal-azzjoni u dan stante li l-kundizzjoni li talvolta setgħet tagħti lok għal xi ħlas ta' kummissioni fil-mument li ġiet istitwita l-kawża għadha ma avveratx ruħha.*

2. *Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' indoli preliminari, qiegħed jiġi eċċepit is-segwenti kwantu għall-mertu tal-każ:*

2.1 *Fis-26 ta' Lulju, 2018 ġiet iffirmata ittra għan-nom tas-soċjeta' esponenti Unique Group Limited li permezz tagħha ġie dikjarat illi f'każ li s-soċjeta' Unique Group Limited u/jew soċjeta' holding u/jew sussidjarja tagħha jew f'każ li konsorzju li fih is-soċjeta' intimata Unique Group Limited u/jew soċjeta' holding u/jew sussidjarja tagħha tkun u/jew ikunu parti, jidħlu f'kuntratt mas-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited u/jew ma' soċjeta' holding u/jew sussidjarja u/jew affiljata mal-imsemmija Sadeen Education Investment Limited, is-soċjeta' esponenti Unique Group Limited kellha tħallas lis-soċjeta' rikorrenti import ekwivalenti għall-ħamsa fil-mija (5%) ta' dak li qiegħed jiġi definit bħala "gross revenue" u li s-soċjeta' Unique Group Limited jew soċjeta' holding u/jew sussidajarja tagħha tirċievi mingħand is-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited jew mingħand soċjeta' holding jew sussidjarja jew affiljata tagħha.*

2.2 *Ġie dikjarat ukoll fl-imsemmija ittra li l-import fuq imsemmi kellu jitħallas flimkien mal-komponent relattiv ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud, fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-ħlas lis-soċjeta' Unique Group Limited u/jew soċjeta' holding u/jew sussidjarja tagħha ta' fondi in konnessjoni mal-imsemmi kuntratt.*

2.3 *Finalment ġie dikjarat testwalment hekk: "We further declare and undertake to do all such further acts or things and execute and deliver all such further instruments, agreements and other documents as may be requested by you (Conbes Holdings Ltd) for the purpose of giving effect to and carrying out the intention of or facilitating the performance of the terms and conditions of this letter."*

2.4 *Il-Ftehim li għab-bażi tiegħu ġiet maħruġa l-imsemmija ittra jinħtieġ li jiġi ppruvat għad illi l-imsemmija dikjarazzjoni tonqos milli tagħmel aċċenn għalih.*

2.5 *Fi kwalunkwe każ is-soċjeta' esponenti Unique Group Limited sejra turi waqt is-smigħ tal-kawża x'kien il-ftehim mas-soċjeta' Conbes Holdings Limited u allura x'kienu l-obbligi ta' Conbes Holding Limited taħt dan il-Ftehim.*

2.6 *Is-soċjeta' rikorrenti attriċi għandha tipprova f'dettal f'hiex kien jikkonsisti l-intervent tagħha sabiex ġie konkluż il-kuntratt ta' appalt imsemmi minnha u għandha tipprova ukoll x'kienu t-termini u kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt u kinux sostanzjalment jikkonbaċċjawx ma' dawk it-termini u kundizzjonijiet li s-soċjeta' Unique Group Limited talbet u ppretendiet u li s-soċjeta' rikorrenti wegħdet u impenjat lilha nnifisha li tottjeni għall-benefiċċju tas-soċjeta' intimata Unique Group Limited.*

2.7 *Sejjer jirriżulta fil-kors tas-smigħ tal-kawża, li konsegwenza tal-fatt li t-termini u l-kundizzjonijiet li s-soċjeta' intimata Unique Group Limited talbet u ppretendiet mis-soċjeta rikorrenti, ma ġewx effettivament u effikaċċjament sodisfatti, l-imsemmija ittra tas-26 ta' Lulju, 2018 ġiet superata b'arranġament ieħor li kien jipprevedi perċentwali imnaqqsa ta' kummissjoni.*

2.8 *Il-pagamenti li saru u li għalihom saret riferenza fir-rikors ġurmentat ma sarux bħala ħlas tal-kummissjoni għad illi l-gross revenue ma kienx għadu ġie determinat u lanqas għadu ġie determinat, kif ser jiġi spejgat f'aktar dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawża.*

2.9 *Fil-verita kienu saru avvanzi ta' flus lil Bessam Abdulrahman Abdulhamid wara li dan ta' l-aħħar kien talab lil Abdel Karim Ahmad, direttur tas-soċjeta' esponenti, sabiex isiru dawn avvanzi kawża ta' ħtiġijiet finanzjarji marbuta ma' spejjeż għall-kura medika tal-mara ta' Bessam Abdulrahman Abdulhamid.*

2.10 *Fil-kors tas-smigħ tal-kawża ser jiġi pruvat kemm realment u effettivament saru avvanzi ta' flus u li ammont minn dawn l-avvanzi sar in kontanti.*

2.11 *Il-fatturi li hemm eżebiti mar-rikors ġuramentat inħarġu bl-iskop waħdani li juru u jimmanifestaw sitwazzjoni differenti minn dik rjali u ċioe sitwazzjoni fejn seħħ xi ħlas ta' kummissjoni, ħlas li seta' biss isir wara il jiġi determinat il-"gross revenue" kif jirriżulta mill-arranġament deskritt fid-dikjarazzjoni fuq imsemmija, dikjarazzjoni li kif ġia ġie aċċennat ġie superat minn arranġement differenti. Di pju il-fatturi isemmu b'mod assolutament erroneju management fee meta mill-istess dikjarazzjoni li għaliha l-fatturi jirreferu ma joħroġ minn imkien li kellha titħallas Management Fee. Dan ikompli juri kemm il-ħruġ tal-fatturi ma hija xejn ħlief montatura.*

2.12 *Kawża ta' diżgwid serju bejn Bessam Abdulrahman Abdulhamid u Abdel Karim Ahmad, li jiġi spejgat f'dettal fil-kors tas-smigħ tal-*

*kawża, l-appalt li dwaru kien sar l-arranġament ġie assenjat lil soċjeta' appaltatriċi oħra.*

2.13 *Tenut kont ta' dan l-iżvilupp u ta' konsiderazzjonijiet oħra li jiġu spejgati fid-dettal fil-kors tas-smigħ tal-kawza, sejjer jirriżulta li fid-data tal-preżentata tar-rikors ġuramentat u anke illum, ma hemm ebda ammont dovut lis-soċjeta' rikorrenti.*

*3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi**

4. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjeta' rikorrenti flimkien mar-rikors promotur:

   - **Dok A**- Il-ftehim bejn Conbes Holdings Limited u Unique Group Limited datat is-26 ta' Lulju 2017. (fol 6)

   - **Dok B**- Kopji tal-bank transfer u invoices tal-ħlas mis-soċjetajiet intimati lis-soċeta' rikorrenti. (fol 7 sa 9)

   - **Dok C** - Ittra Uffiċċjali datata l-5 ta' Marzu 2018. (fol 10)

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Rayd Ebayid**, Project Manager mas-soċjeta' Sadeem Education Investments Limited, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Novembru 2019 (fol 48 sa 59).

6. Semgħet it-tkomplija tax-xhieda ta' **Rayd Ebayid**, Project Manager mas-soċjeta' Sadeem Education Investments Limited, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-13 ta' Frar 2020 (fol 48 sa 59).

7. Rat illi fis-16 ta' Lulju 2020, is-soċjeta' intimata, kif obbligat ruħha illi tagħmel fil-verbal tat-13 ta' Frar 2020, ippreżentat is-segwenti dokumentazzjoni:

   - Kopja ta' Kuntratt bejn is-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited u s-soċjeta' Unique Construction Limited datat 31 ta' Lulju 2017 u intitolat "*Contract for Finishing works – Metal Works, Reception, Sanitary Ware and External Apertures*" - Dokument AA a fol 70 sa 109;

   - Kopja tal-Kuntratt datat 30 ta' Mejju 2018 bejn is-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited, is-soċjeta' intimata Unique Construction Limited u s-soċjeta' sub-appaltatriċi Valda 90 LTD, UIC (Bulstat) - Dokument BB a fol 110 sa 112;

   - Kopja ta' Ittra mill-bank APS Bank Limited datata 26 ta' Jannar 2018 li tikkonferma l-estenzjoni tal-garanzija bankarja favur is-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited għall-ammont ta' mitejn u sittin elf Euro (€260,000) sat-30 ta' April 2018 - Dokument CC a fol 113;

- Kopja ta' ċekk datat 30 ta' Lulju 2018 fl-ammont ta' €522,005.28 maħruġ mis-soċjeta' intimata Unique Construction Limited bħala garanzija kontra l-pagament bil-quddiem magħmul mis-soċjeta' Sadeen Eductaion Investment Limited - Dokument DD a fol 114;

- Kopja ta' dokument maħruġ mill-bank APS Bank Limited li juri l-pagamenti li saru mis-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited lis-soċjeta' Unique Construction Limited - Dokument EE a fol 115, ossija s-segwenti pagamenti:

    - €522,005.28 magħmul fid-9 ta' Awissu 2017
    - €321,470.64 magħmul fit-2 ta' Novembru 2017.

8. Semgħet it-tkomplija tax-xhieda ta' **Rayd Ebayid**, Project Manager mas-soċjeta' Sadeem Education Investments Limited, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fl-10 ta' Novembru 2020 (fol 118 sa 125) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija kopja ta' żewġ transazzjonijiet ta' ħlas lis-soċjeta' Valda Company datati 3 ta' Ġunju 2018, fl-import ta' €300,000 u 30 ta' Lulju 2018 fl-import ta' €150,000.(fol 126)

9. Semgħet it-tkomplija tax-xhieda ta' **Rayd Ebayid**, Project Manager mas-soċjeta' Sadeem Education Investments Limited, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Jannar 2021 (fol 130 sa 141) u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita, ossija s-segwenti:

    a. Pagament datat 14 ta' Frar 2018 ta' €100,000 lil Valda Company (fol 141)
    b. Pagament datat 17 ta' Awissu 2018 ta' €100,000 lil Valda Company (fol 142)
    c. Pagament datat 30 ta' Lulju 2018 ta' €150,000 lil Valda Company (fol 143)
    d. Pagament datat 1 ta' Ġunju 2018 ta' €300,000 lil Valda Company (fol 144)
    e. Pagament datat 6 ta' Frar 2018 ta' €130,000 lil Valda Company (fol 145)
    f. Pagament datat 5 ta' Frar 2018 ta' €13,230 lil Joseph Caruana Company (fol 146)
    g. Pagament datat 2 ta' Frar 2018 ta' €14,725 lil Martin Team (fol 147)
    h. Pagament datat 26 ta' Jannar 2018 ta' €120,000 lil Valda Company (fol 148)
    i. Pagament datat 22 ta' Diċembru 2017 ta' €150,000 lil Valda Company (fol 149)
    j. Pagament datat 1 ta' Novembru 2017 ta' €300,000 lil Unique Construction Limited (fol 150)
    k. Pagament datat 8 ta' Awissu 2017 ta' €522,005.28 lil Unique Construction Limited (fol 151)
    l. Proforma Invoice datata 27 ta' Lulju 2018 maħruġa minn Valda 90 LTD lis-soċjeta' Sadeen Educations Investments Limited fl-ammont ta' €250,000. (fol 152)
    m. Invoice Nru UNQ009/2017 datata 27 ta' Lulju 2017 maħruġa minn Unique Construction Limited lil Sadeen Education Investments Limited fl-ammont ta' €522,005.28 (fol 153)
    n. Invoice Nru UNQ015/2017 datata 27 ta' Settembru 2017 maħruġa minn Unique Construction Limited lil Sadeen Education Investments Limited fl-ammont ta' €321,470 (fol 154)
    o. Kopja tal-kuntratt ġia eżebit mis-soċjeta' intimata a fol 70 u datat 31 ta' Lulju 2017
    p. Schedule of Works magħmula mis-soċjeta' VALDA (fol 174).

10. Rat l-affidavit ta' **Abdulhamid Bessam,** azzjonist uniku tas-soċjeta' rikorrenti Conbes Holdings Limited, ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2021 mis-soċjeta' rikorrenti. (fol 177 sa 181)

11. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti fit-22 ta' Ġunju 2022. (fol 198 sa 225)

12. Rat illi fit-22 ta' Ġunju 2022 is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

13. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Abdulhamid Bessam, indikat bħala Abdul Rahman Abdul Hamid, illi saret fil-11 ta' Mejju 2023. (fol 232 sa 239)

14. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2023, wara illi s-soċjeta' intimati kellhom varji differimenti sabiex iressqu l-provi tagħhom permezz ta' affidavit, u ma għamlu xejn, il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa. (fol 231)

15. Rat is-sottomissjonijuet tas-soċjeta' rikorrenti ppreżentati fil-11 ta' Lulju 2023.

16. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjetajiet intimati ppreżentati fil-11 ta' Diċembru 2023.

17. Rat illi l-kawża ġiet sussegwentement differita għas-sentenza.

**Fatti**

18. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti, li tagħha Abdulhamid Bessam huwa l-propretarju, hija kumpannija reġistrata f'Malta sa mis-sena 2005 u li toffri servizzi ta' management, konsulenza u xogħolijiet simili.

19. Jirriżulta illi, mument minnhom, Abdulhamid Bessam kien ġie a konoxxenza tal-fatt illi s-Sadeem Group of Companies kellhom proġett ġewwa Malta, ossija *The American University of Malta* (AUM), ġewwa Bormla, w ipprova jressaq kumpannija Taljana sabiex tagħmel xi xogħolijiet.

20. Jirriżulta, madanakollu, illi wara li t-trattattivi ma' din is-soċjeta' Taljana fallew, Bessam baqa' intenzjonat jipprova jinvolvi ruħu fil-proġett, u avviċina lis-soċjeta' initmata Unique Construction Limited, li wriet l-interess illi tinvolvi ruħha fil-proġett tal-AUM u titfa' offerta għal xogħolijiet, bl-assistenza ta' Bessam.

21. Jirriżulta illi, wara varji laqgħat mas-soċjeta' Sadeen Education Investments Limited li tmexxi l-proġett tal-AUM, is-soċjeta' intimata ingħatat kuntratt, liema kuntratt kien intitolat "*Contract for Finishing works – Metal Works, Reception, Sanitary Ware and External Apertures*" u ġie ffirmat fil-31 ta' Lulju 2017.

22. Jirriżulta illi, nelfrattemp, fis-26 ta' Lulju 2017, is-soċjeta' Conbes Holdings Limited kienet iffirmat ftehim ta' "*commission*" ma' Unique Group Limited, u ttimbrat minn Unique Construction Limited, li jipprovdi dan li ġej: (fol 6)

> *By virtue of this letter, and in consideration of your introduction to us of Sadeen Education Investment Limited ("Sadeen"), we the undersigned, Unique Group Limited, a limited liability company registered in Malta and having company registration number( C74674) ("UGL") hereby agree and*

*confirm that in the event that we and/or any parent and/or subsidiary company of ours and/or any consortium of which we and/or any parent and/or subsidiary company of ours (each a "UGL Group Company") enters into any contract with Sadeen or any parent and/or subsidiary or affiliated company of Sadeen (each a "Sadeen Group Company"), we shall pay to the said Conbes Holdings Limited a sum equivalent to five percent (5%) of the gross revenue received by UGL or the relevant UGL Group Company from Sadeen or the relevant Sadeen Group Company under such contract (the "Counterparty").*

*Payment of any amount due in terms hereof together with any applicable VAT shall be made to Conbes Holdings Limited within fifteen (15) days from receipt by the Counterparty of any funds in connection with any such contract.*

23. Jirriżulta illi s-soċjeta' Unique Construction Limited, abbażi tal-ftehim minnha ffirmat fil-31 ta' Lulju 2017, bdiet bix-xogħlijiet, u fid-9 ta' Awissu 2017 ingħaddiet pagament ta' €522,005.28 mis-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited skond il-ftehim.

24. Jirriżulta illi fit-12 ta' Awissu 2017, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet Invoice Nru 2017/41 fl-import ta' €23,600, deskritt bħala "*Management Fee according to the Agreement between Unique Group Limited and Conbes Holding Ltd*" (fol 8) liema somma ġiet sussegwentement imħallsa mis-soċjeta' Unique Construction Limited fit-18 ta' Awissu 2017. (fol 7)

25. Jirriżulta illi fis-26 ta' Settembru 2017, is-soċjeta' rikorrenti ħarġet invoice Nru 2017/44 fl-import ta' €11,800 deskritt bħala "*Management Fee according to the Agreement between Unique Group Limited and Conbes Holding Ltd*" (fol 9). Skond Bessam, fl-affidavit tiegħu (fol 179 tergo), tali somma eventawalment tħallset lilu permezz ta' flus kontanti.

26. Jirriżulta illi fit-2 ta' Novembru 2017, is-soċjeta' intimata Unique Construction Limited ingħaddiet pagament ta' €321,470.64 mis-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited.

27. Jidher, iżda illi r-relazzjoni ta' bejn Abdulhamid Besam u r-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata ħżienet tant illi hemm proċeduri kriminali pendenti fuq inċident illi seħħ, u s-soċjetajiet intimati baqgħu jittrattaw direttament mas-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited, b'esklużjoni tas-soċjeta' rikorrenti.

28. Jirriżulta, iżda, illi mument minnhom, is-soċjetajiet intimati ma kinux qed iżommu mal-impenji minnhom magħmula mas-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited, u, permezz ta' kuntratt datat **30 ta' Mejju 2018**, soċjeta' Bulgara bl-isem ta' Valda 90 LTD, illi magħha kienet ġia qiegħda topera fil-proġett is-soċjeta' intimata Unique Construction Limited, ġiet assenjata l-proġett kollu filwaqt illi s-soċjeta' Unique Construction Limited baqgħet responsabbli għall-obbligi minnha assunti fil-ftehim oriġinali tal-31 ta' Lulju 2017.

**Ikkunsidrat**

29. Jirriżulta illi s-soċjetajiet intimati, li ma ressqu assolutament ebda provi, fid-difiżi tagħhom, jikkontendu illi, filwaqt li s-soċjeta' Unique Construction Limited kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi ma ffirmat ebda ftehim mas-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' Unique Group Limited ma kellha tħallas xejn, għax kienet ħallset kollox dovut lis-soċjeta' rikorrenti.

**Liberazzjoni tal-Osservazzjoni tas-soċjeta' Unique Construction Limited.**

30. Dwar il-kwistjoni illi s-soċjeta' Unique Construction Limited għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, din il-Qorti tosserva illi, fid-dokument eżebit mis-soċjeta' rikorrenti u datat 26 ta' Lulju 2017, apparti l-firma ta' Abdel Karim Ahmad "*for and on behalf Unique Karim Ahmad*", hemm ukoll it-timbru tas-soċjeta' Unique Construction Limited, bid-dettalji kollha ta' tali kumpannija, inkluż in-numru tal-VAT.

31. Il-Qorti tifhem illi l-fatt illi hemm timbru tal-kumpannija Unique Construction Limited bid-dettalji kolha ta' l-istess soċjeta', hija indikattiva u prova illi turi illi l-stess soċjeta' Unique Construction Limited kienet komparteċipi fil-ftehim u kienet, bil-quddiem, ipprovdiet in-numru tal-VAT tagħha għall-pagamenti illi kellhom isiru lis-soċjeta' rikorrenti.

32. Tali fehma hija assodata mill-fatt illi l-ftehim tas-soċjeta' Sadeen Education Investments Limited sar mas-soċjeta' Unique Construction Limited w il-pagament ta' €522,005.28 sar lis-soċjeta' Unique Construction Limited u il-ħlas li sussegwentement sar lis-soċjeta' rikorrenti ta' €23,600, sar minn Unique Construction Limited!

33. Jirriżulta ċar, għaldaqstant, illi s-soċjeta' Unique Construction Limited kienet komparteċipi fil-ftehim tas-26 ta' Lulju 2017 mill-bidu nett.

34. Għalhekk l-eċċezzjoni mqajjma biex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju ma għandhiex mis-sewwa u għandha tiġi miċħuda.

**Saru l-pagamenti kollha**

35. Is-soċjetajiet intimati jeċċepixxu wkoll illi s-soċjeta' rikorrenti tħallset dak kollu illi kien dovut lilha. Ikun opportun għalhekk jiġi evalwat x'kien dovut lis-soċjeta' rikorrenti.

36. Jirriżulta, mill-ftehim iffirmat fis-26 ta' Lulju 2017, li s-soċjeta' rikorrenti kellha titħallas mis-soċjeta' intimati "*a sum equivalent to five percent (5%) of the gross revenue received by UGL or the relevant UGL Group Company from Sadeen or the relevant Sadeen Group Company under such contract"*

37. Jirriżulta, għalhekk, illi s-soċjeta' rikorrenti kien lilha dovut "*commission*" ta' ħamsa fil-mija (5%) minn kull pagament illi sar lis-soċjetajiet intimati.

38. Jirriżulta illi, lis-soċjeta' intimata Unique Construction Limited sarulha żewġ pagamenti ta' €522,005.23 u €321,470 rispettivament fid-9 ta' Awissu 2017 u fit-2 ta' Novembru 2017. (fol 115)

39. Jirriżulta illi dawna ż-żewġ pagamenti, flimkien jammontaw għal €843,475.92, u ħamsa fil-mija (5%) minn dina s-somma jammonta għal €42,173.80, eskluż il-VAT li jammonta għal €7,591.3, li b'kollox jagħmlu €49,765.10.

40. Jirriżulta illi, kif ħareġ mill-provi, lis-soċjeta' rikorrenti tħallsu biss is-somom ta' €23,600 (vide fol 7), u s-somma ta' €11,800 fi flus kontanti, kif stqarr fl-affidavit tiegħu Abdulrahmin Bessan, ossija total ta' €35,400, u għalhekk għad fadal bilanċ dovut ta' **erbatax-il elf, tlett mija u ħamsa u sittin Euro u għaxar ċenteżmi (€14,365.10)**.

41. Tali somma ċertament tirriżulta illi hija dovuta, a differenza ta' dak dikjarat mis-soċjeta' intimata.

*Ikkunsidrat*

42. Jirriżulta wkoll, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' Unique Construction Limited baqgħet involuta direttament fil-kuntratt mas-soċjeta' Sadeen Education Investments Limited sat-30 ta' Mejju 2018, wara liema data sub-entrat is-soċjeta' Bulgara Valda 90 Ltd riżultat tal-inadempjenzi tas-soċjeta' Unique Construction Limited.

43. Jirriżulta, madanakollu, illi lis-soċjeta' Valda 90 Ltd, **QABEL** ma subentrat flok is-soċjeta' Unique Construction Limited, sarulha varji pagamenti direttament lilha, li ċertament għandhom jitqiesu bħala parti mill-kuntratt illi kellha, sa dak iż-żmien is-soċjeta' Unique Construction Limited ma' Sadeen Education Investments Limited.

44. Jirriżulta, di fatti, illi waqt li s-soċjeta' Unique Construcion Limited kienet għadha direttament involuta il-kuntratt, lis-soċjeta' Valda 90 LTD sarulha s-segwenti pagamenti:

    a. 22 ta' Diċembru 2017 - €150,000 (fol 149)
    b. 26 ta' Jannar 2018 - €120,000 (fol 148)
    c. 6 ta' Frar 2018 - €130,000 (fol 145)
    d. 14 ta' Frar 2018 - €100,000 (fol 141)

    Dawna lkoll flimkien jammontaw għal €500,000!

45. Jirriżulta wkoll illi, fl-istess żmien, saru żewġ pagamenti oħra lil terzi persuni, ossija:

    a. 2 ta' Frar 2018 - € 14,725 lill Martin Team (fol 147)
    b. 5 ta' Frar 2018 - € 13,230 lill Joseph Caruana Limited. (fol 146)

    Dawna lkoll flimkien jammontaw għal €27,955.

46. Għandu jingħad illi fid-deskrizzjonijiet tal-Bank Transfers eżebiti mir-rappreżentant tas-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited, lkoll kemm huma jindikaw illi dawna l-pagamenti qed isiru in konnessjoni ma' "finishing works" tas-soċjeta' Unique Construction Limited.

47. Jirriżulta, għalhekk, illi dawna s-somom, li flimkien jammontaw għal €527,955 huma somom illi kellhom jitħallsu lis-soċjeta' Unique Construction Limited, skond il-ftehim illi kellha mas-soċjeta' Sadeen Education Investment Limited, u għalhekk dawna għandhom jitqiesu bħala somom illi kellha tipperċepixxi s-soċjeta' Unique Construction Limited a tenur tal-ftehim ma' Sadeen Education Investment Limited.

48. Jirriżulta, għalhekk, illi fuq is-somma ta' €527,955, is-soċjeta' rikorrenti hija dovuta l-"*commission*" ta' ħamsa fil-mija, illi jammonta għal €26,397.8 li, flimkien ma' VAT fl-

ammont ta' €4751.60, jagħmel total ta' **wieħed u tletin elf, mija u disgħa u erbgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€31,149.40).**

*Ikkunsidrat*

49. Jirriżulta, finalment, illi wara li s-soċjeta' Valda 90 Ltd daħlet fiż-żarbun tas-soċjeta' Unique Construtcion Limited, is-soċjeta' Valda 90 Ltd assumiet ir-responsabbilta' tax-xogħolijiet kollha.

50. Jirriżulta illi, sussegwenement, is-soċjeta' Valda 90 Ltd irċeviet tlett pagamenti ta' €300,000, €150,000 u €100,000 rispettivament fl-1 ta' Ġunju 2018, 30 ta' Lulju 2018 u 17 ta' Awissu 2018, li flimkien jagħmlu total ta' €550,000.

51. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti qiegħda tikkontendi illi hija għandha titħallas "*commission*" fuq dawn is-somom ukoll.

52. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali assersjoni, u dana peress illi, mit-30 ta' Mejju 2018 'il quddiem, is-soċjeta' Unique Construction Limited ma baqgħetx aktar involuta fil-proġett, u baqgħet hemm biss bħala garanzija sabiex is-soċjeta' Valda 90 Ltd tagħmel ix-xogħolijiet li l-istess soċjeta' Unique Construction Limited kienet obbligat illi tagħmel iżda naqset milli tagħmel.

53. Jirriżulta, għalhekk, illi wara it-30 ta' Mejju 2018, kwalsiasi pagamenti illi saru minn Sadeen Education Investments Limited ma jistgħux jitqiesu bħala pagamenti dovuti lil Unique Construction Limited, u għalhekk, is-soċjeta' rikorrenti ma tistax titlob il-ħlas ta' "*commision*" skond il-ftehim tas-26 ta' Lulju 2017.

*Ikkunsidrat*

54. Stabbiliti tali fatti u magħmula tali konsiderazzjonijiet, jirriżulta illi s-soċjetajiet intimati, a differenza ta' dak minnhom ikkontestat, ma ħallsux kull ma huwa dovut lis-soċjeta' rikorrenti, u dana kif spjegat aktar 'il fuq.

55. Jirriżulta illi s-somom mhux dovuti jammontaw għal **erbatax-il elf, tlett mija u ħamsa u sittin Euro u għaxar ċenteħmi (€14,365.10)**, kif deskritt fil-paragrafi 38 sa 40 aktar 'il fuq, u **wieħed u tletin elf, mija u disgħa u erbgħin Euro u erbgħin ċenteżmu (€31,149.40)**, kif deskritt fil-paragrafi 42 sa 48.

56. Jirriżulta illi t-total ta' dawna ż-żewġ somom jammonta għal **ħamsa u erbgħin elf, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€45,514.50)**, liema somma tinkludi fiha l-VAT.

**KONKLUZJONI**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet intimati Unique Group Limited u Unique Construction Limited, u għalhekk, filwaqt illi:

**Tilqa'** t-talbiet rikorrenti billi:

**Tiddikjara** illi s-soċjetajiet intimati Unique Group Limited u Unique Construction Limited, in solidum bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' **ħamsa u erbgħin elf, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€45,514.50)**, u għalhekk

**Tikkundanna** lis-soċjetajiet intimati Unique Group Limited u Unique Construction Limtied, in solidum bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti is-somma ta' **ħamsa u erbgħin elf, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€45,514.50)**.

Imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjeż kollha għandhom ikunu a kariku tas-soċjetajiet intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**